**It-tmintax t'Ottubru**

Wasal, Ottubru magħna
Fih jum li ma ninsiehx
Missieri, jum twelidek
Għidli? Nista' ma nsemmihx?
Dak il-jum mimli barka?
Għalija mhux ta' mistrieħ?

Bniedem tad-demm u l-laħam
Il-ħobżna qlajt ta' kuljum,
Sew jekk xemx 'nkella xita
Għax-xogħol bi ħġarek kont tmur.
Missieri, hemm l-imħabba
Li mill-qalb tassew li tfur.

Nimmissjaha dik tbissmitek
U, il-ħafna rakkuntar,
Ta' l-istejjer tan-nannu
Li kont tirrakkonta d-dar.
Missieri, kemm kont tifraħ
Avolja l-ħin kien jkun sar!

Imm' issa naf li qiegħed
Fis-sema ħdejn il-Mulej,
Strieħ issa għażiż Missieri
U waqt li ż-żmien għaddej
Itlob waħda għalina
Biex naffaċċjaw dak li ġej!

Patri Mario Attard OFM Cap
20 t'Ottubru 2021

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.